**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 4 ta' Lulju 2001.

Pulizija
Spettur Simon Galea
Spettur Dennis Theuma

Vs

Christian Farrugia

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christian Farrugia ta' 20 sena imwieled San Giljan fit-3 ta' Ottubru 1980, bin Patrick u Emanuela xebba Schembri u li joqghod "Il-Meriss" Triq il-Kukkanja Santa Venera bin-numru tal-karta tal-identita' 492180(M);

Talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 1999, waqt li kien qed isuq vettura b'numru ta' registrazzjoni IAM 349 go Triq Dun Karm Psaila, B'Kara, b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta'hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Anne Marie Cini ta' 18-il-sena minn B'Kara.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

U aktar talli saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

Wara li rat l-Artikoli 225 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-kapitolu 65;

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti temmen illi l-imputazzjonijiet addebitai lill-imputat mill-Prosekuzzjoni, sodisfacentement jissussistu. Ghaldaqstant, waqt li din il-Qorti ssib lill-imputat Christian Farrugia hati, qeghda tikkundannah ghal multa ta’ erba’ mitt lira maltin (Lm400), kif ukoll tissospendih mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.